# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 27 ta’ April 2000.**

**Numru**

**Citaz. numru 288/97 JAB**

**Transfreight Limited**

**vs**

**Carmelo Cini & Sons Ltd**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. B’avviz presentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), s-socjeta’ attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tletin lira Maltin u sitt centezmi

(Lm437.06), rappresentanti bilanc minn somma akbar ghal servizzi ipprovduti lis-socjeta' konvenuta.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa zbaljat u l-eccipjenti m'ghandha taghti xejn lill-aturi.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tal-15 ta' Novembru 1999, il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lis-socjeta; konvenuta thallas l-ammont mitlub, bl-ispejjez.

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

4. Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u jinterpona appell minnha quddiem din il-Qorti fuq l-aggravji segwenti :-

(i) Illi din il-kawza titratta talba mis-socjeta' attrici ghall-hlas ta' Lm437.06 rappresentanti prezz ta' servizzi resi lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

(ii) F'din il-kawza gew prodotti biss ix-xhieda u l-provi tas-socjeta' attrici, ghax fil-mori tal-kawza kien hemm il-possibilita' ta' transazzjoni. Di fatti, dan jirrizulta mill-verbali tal-process, u l-partijiet kienu wkoll tkellmu bejniethom, tant hu hekk li s-socjeta' konvenuta wriet bic-car fejn ma kienitx qed taqbel mal-atturi, u f'dan is-sens ghamlet il-proposta taghha. Is-socjeta' attrici ma gietx lura bi proposta ohra, u l-kawza baqghet hekk pendenti ghal tul ta' zmien.

(iii) L-esponent jirrileva li l-ilment tas-socjeta' konvenuta kien is-segwenti. Kien jezisti ftehim car bejn il-partijiet li s-servizzi pprovduti mill-atturi kienu qed isiru fuq bazi ta' prezz miftiehem. Dan jirrizulta car mill-fatturi antecedenti l-kawza, li juru li n-negozju bejn il-partijiet kien qed isir a bazi ta' prezz miftiehem bejniethom. Xi zmien qabel ma' saret il-kawza pero', hargu diversi fatturi ohra mis-socjeta' attrici fejn kien qed jinzamm prezz oghla. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk gibdet l-attenzjoni ta' din id-differenza lill-impjegati tas-socjeta' attrici, u baqghet thallas ghas-servizzi pprovduti fuq il-prezzijiet il-korretti. Dan kollu jista' jigi sostanzjat permezz ta' dokumenti.

(iv) Il-bilanc mitlub mis-socjeta' attrici huwa ghalhekk iz-zieda fil-prezz li l-istess aturi ziedu unilateralment fuq is-servizzi taghhom, u li baqa' jigi hekk akkumulat fuq diversi fatturi. Kien ghalhekk li l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet indirizzata fis-sens li l-ammont

pretiz huwa zbaljat u li ghalhekk ma kellha taghti xejn lis-socjeta' attrici. It-talba attrici hija ghal bilanc minn somma akbar ghal servizzi ta' 'freight' fuq importazzjoni ta' oggett. Is-socjeta' konvenuta baqghet thallas lill-atturi skond il-prezzijiet miftiehma, u dan indikata b'mod car anke qabel ma' nfethu l-proceduri odjerni. Id-differenza bejn il-prezz miftiehem u dak mizjud mis-socjeta' attrici huwa precizament il-bilanc mitlub fil-kawza. Ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija cara. Jifdal biss li din tigi ssostanzjata.

(v) Huwa ghalhekk li s-socjeta' konvenuta sofriet l-aggravju mertu ta' din il-procedura. Il-provi tas-socjeta' konvenuta setghu gew facilment prodotti f'seduta wahda, izda d-differimenti kienu odjerni ghall-probabbli transazzjoni, liema transazzjoni zgur ma jistax jinghad li ma' sehhitx minhabba xi nuqqas tal-esponenti. Ir-rappresentanti tas-socjeta' konvenuta kemm-il darba avvicinaw lis-socjeta' attrici biex tigi esposta l-possibilita' ta' ftehim, u l-posizzjoni rigward il-bilanc dovut kien maghmul car mill-esponenti. Hi ghalhekk xi ftit inspjegabbli kif, hin bla waqt, il-kawza kienet differita ghas-senenza, meta suppost il-partijiet qed jippruvaw jiftehmu. Tant hu hekk, l-atturi ma gewx lura ghand il-konvenuti jinfurmawhom li l-proposta ghal ftehim ma kienitx accettabbli minnhom.

(vi) L-unika nuqqas li l-esponenti jammetti li hu attribwibbli lilu kien li m'attenda hadd ghall-ahhar seduta tal-14 ta' Gunju 1999, fejn il-kawza

giet differita ghas-sentenza. L-Avukat Difensur tas-socjeta' konvenuta dakinhar kien impenjat l-Universita', u ghalhekk ma kienx jaf ezatt x'gara fis-seduta. Dan in-nuqqas jista' jkun attenwat minhabba l-fatt li l-kawza kienet qed tkun differita ghat-transazzjoni, u ghalhekk ma kienx hemm spirtu animuz jew litigjuz bejn il-partijiet, li waslet biex fil-fatt l-ebda wiehed mill-partijiet ma kien qed jattendi s-seduti quddiem l-Ewwel Qorti.

(vii) Fl-ahhar lok, l-esponenti jitlob bir-rispett li jinghata l-fakulta' jressaq il-provi tieghu quddiem din il-Qorti tal-Appell, stante li l-provi jikkonsistu biss f'xhud wiehed u dokumenti li jikkonfermaw dan kollu li gie premess f'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta appellanti talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Novembru 1999, tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici appellata kif dedotti fl-avviz fl-ismijiet premessi, u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta appellanti, previa l-produzzjoni ta' provi ulterjuri tal-istess socjeta' konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' attrici appellata.

**RAT IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA' TRANSFREIGHT LIMITED**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet hawn fuq premessi hija giusta u timmerita konferma ;

Illi l-aggravju principali tas-socjeta' konvenuta appellanti hija illi ma nghatatx l-opportunita' illi tressaq il-provi taghha sabiex tissustanzja l-eccezzjoni li kienet qeghda taghti ghat-talbiet attrici u dan peress illi fil-mori tal-kawza kien hemm il-possibilita' ta' transazzjoni ;

Illi filwaqt illi jigi sottomess illi possibilita' ta' transazzjoni waqt il-mori ta' kawza tezisti dejjem, pero' dan m'ghandu qatt iwassal biex itellef l-andament tal-kawza b'mod inutili, u dan jinghad peress illi s-socjeta' appellata esponenta tichad illi "rapprezentanti tas-socjeta' appellanti kemm-il darba avvicinaw lis-socjeta' attrici biex tigi esposta il-possibilita' ta' ftehim ……." kif allegat fir-rikors ta' l-appell taghha ;

Illi ghar-ragunijiet premessi u dawk imsemmija fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti ta' l-Appell qeghda tintalab tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta' Novembru 1999, u tichad it-talbiet li qed isiru fir-rikors ta' l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellanti.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Is-socjeta' appellanti tillanja mill-fatt li wara li din il-kawza kienet giet differita ghal probabbli transazzjoni, u allura kien hemm seduti li fihom ma deher hadd ghall-appellanti, in attesa ta' zvilupp dwar il-ftehim, f'daqqa wahda l-kawza giet deciza minghajr ma hija nghatat jew kellha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha fil-meritu.

7. Din il-Qorti, in vista ta' dak li gie sottomess mill-partijiet, necessarjament kellha tara u tezamina – u tistrieh – fuq dak li jemergi mill-verbali tas-seduti mizmuma in konnessjoni ma' din il-kawza.

Irrizulta fit-3 ta' Lulju 1997 xehed Albert Mangion, prodott mill-appellat. Prezenti dakinhar kien hemm l-avukat tas-socjeta' konvenuta. Fit-28 ta' Ottubru 1997, il-Qorti giet infurmata li hemm possibilita' ta' ftehim u l-istess fis-6 ta' Frar 1998 u l-14 ta' Settembru 1998 u t-8 ta' Frar1999. Gara imbaghad li fl-14 ta' Gunju 1999, il-Qorti giet infurmata li ma sehhet l-ebda transazzjoni u l-kawza baqghet ghall-15 ta' Novembru 1999 <u>ghas-sentenza in difett ta' ostakolu. F'dan il-perjodu ta' hames (5) xhur ma sar assolutament xejn mill-parti konvenuta</u> biex titlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u biex tressaq il-provi taghha

fil-meritu : gustament, ghalhekk, u proceduralment korrett ukoll, l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

8. Illi mis-suespost jirrizulta mela bic-car li jekk is-socjeta' appellanti ma ressqet ebda provi min-naha taghha, dana gara unikament tort taghha. Din il-Qorti ma tistax issa tissana tali nuqqas billi tisma provi li setghu tressqu fl-ewwel istanza mill-konvenuti. Lanqas jidher li hemm xi bazi ghar-revoka tas-sentenza appellata ghaliex ma sar xejn proceduralment zbaljat mill-ewwel Qorti. Dan hu kaz ta' imputat sibi u l-appellanti m'ghandha l-ebda raguni valida biex titlob ir-revoka tas-sentenza. Li kieku s-sentenza inghatat dakinhar stess tal-14 ta' Gunju 1998, allura kien ikun hemm forsi xi gustifikazzjoni ghal revoka imma s-socjeta' konvenuta kellha zmien altru milli sufficjenti biex tiehu konjizzjoni tal-ahhar verbal tal-Qorti u li tiehu l-mizuri necessarji u idoneji minn dan pero' m'ghamlet xejn u ghalhekk ikollha tbati l-konsegwenzi.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mg